*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea fit-2 ta' Frar 2017 (SA.26763 – (2014/C) –), dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata minn Franza favur l-impriżi tat-trasport fir-Région Île-de-France, sa fejn ikklassifikat lil din l-iskema bħala għajnuna mill-Istat;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha ta' din l-istanza.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, huwa bbażat fuq ir-rifjut tal-Kummissjoni li tikklassifika l-iskema ta' appoġġ tar-reġjun bħala għajnuna eżistenti.

2. It-tieni motiv, huwa bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Dan il-motiv huwa diviż f'żewġ partijiet:

   — l-ewwel parti, hija bbażata fuq nuqqas ta' motivazzjoni dwar il-kriterju ta' selettività.

   — It-tieni parti, hija bbażata fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni dwar il-kriterju tal-benefiċċju ekonomiku indebitu.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2017 – Lion's Head Global Partners vs EUIPO – Lion Capital (Lion's Head)**

**(Kawża T-294/17)**

(2017/C 231/52)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Lion's Head Global Partners LLP (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: R. Nöske, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Lion Capital LLP (Londra, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali "Lion's Head" li tindika l-Unjoni Ewropea Nru 997 073

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Frar 2017 fil-Każ R 1478/2016-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad l-oppożizzjoni;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2017 – VSM vs EUIPO (WE KNOW ABRASIVES)**

**(Kawża T-297/17)**

(2017/C 231/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* VSM . Vereinigte Schmirgel- und Maschinen-Fabriken AG (Hannover, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Horak, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "WE KNOW ABRASIVES" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 063 522

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Marzu 2017 fil-Każ R 1595/2016-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) moqri flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 63(1) moqri flimkien mal-Artikoli 58 u 59 tar-Regolament Nru 207/2009, ksur tal-Artikolu 63(2) tar-Regolament Nru 207/2009 u, għalhekk, tal-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2017 – Sata vs EUIPO – Zhejiang Rongpeng Air Tools (1000)**

**(Kawża T-299/17)**

(2017/C 231/54)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sata GmbH & Co. KG (Kornwestheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-C. Simon, Rechtsanwältin)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Zhejiang Rongpeng Air Tools Co. Ltd (Pengjie Town, iċ-Ċina)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* is-sinjal "1000" – Trade mark tal-Unjoni Nru 12 333 531